MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
JOSEPH SAID PULLICINO**

**ONOR. IMHALLEF
CARMEL A. AGIUS**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2000

Appell Civili Numru. 721/1999/1

**Glenn Bedingfield**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Generali, u l-Prim Ministru**

**Il-Qorti;**

**<u>Ilment Kostituzzjonali</u>**

L-appellant ipproceda b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bil-prezenti rikors:-

"1. Illi hu jinsab imharrek bi proceduri kriminali u dan fit-termini tal-Ligi tal-Istampa, Kap 248, wara li ppubblika ktieb bl-isem "Il-Gurament" li gie pubblikat f'Lulju, 1999. Illi bhala professjoni huwa gurnalist, u l-mertu tal-kitba inkriminata kienet fuq materja ta' interess pubbliku, fuq kwistjonijiet li qajmu dibattitu pubbliku, u li kienu jikkoncernaw aspetti tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, u tal-limiti tal-poter esekuttiv u l-poter gudizzjarju, u l-fatti gurnalistikament rilevanti, stante li kienu jikkoncernaw l-attentat ta' qtil fuq is-segretarju personali tal-Prim Ministru.

2. Illi l-Prim Ministru sussegwentement ghamel proceduri kriminali ghal-libell.

3. Illi skond l-artiklu 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni ta' rimedju hija moghtija anke jekk ikun hemm il-possibilita' ta' ksur ta' dritt fondamentali, u certament m'ghandux l-esponenti jistenna li jintemmu l-proceduri kontra tieghu.

4. Illi jekk il-ktieb inkriminat gie pubblikat f'Lulju, f'Lulju wkoll il-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem f'ghadd ta' sentenzi kontra t-Turkija irribadiet u stabbiliet principji li jaghmlu ghall-kaz odjern.

5. Illi a skans ta' interpretazzjoni zbaljata, l-esponenti qed jannetti l-press release tal-istess Qorti, li ghalkemm dejjem hemm il-kawtela li ma torbotx il-Qorti, imma certament hija fidila lejn is-sentenza li qed tirrapporta. Illi minn dawn il-principji johrog car, li meta hemm mezzi ohra, specjalment fil-kaz ta' gvern, l-uzu tal-azzjoni penali fuq l-istampa huwa kontra l-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ghalkemm il-pajjiz membru ghandu dritt jaghmel il-ligijiet li jrid, l-uzu ta' tali ligijiet jista' jkun kontra l-Artiklu 10.

6. L-esponenti jsostni li l-principji enuncjati japplikaw ghall-kaz tieghu, ghaliex huwa kien qed iwettaq dmir ta' informazzjoni, ta' analizi u kritika, u ghalhekk kellu jgawdi tali liberta' tal-espressjoni minghajr xkiel.

7. Illi konsegwentement dik il-parti tal-Kap 248, il-Ligi dwar l-Istampa, fil-provvedimenti penali fil-kaz in ezami wkoll tivvjola tali dritt.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara:-

(1) li l-azzjoni kriminali proposta kontra l-esponenti ghal-libell, pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrati Dr. Michael Mallia, tikser u qed tikser, jew x'aktarx tikser id-dritt fondamentali tal-esponenti ghal-liberta' tal-espressjoni kif provdut u sancit fl-Artikolu 10 tal-konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

(2) taghti dawk ir-rimedji, tempestivi u opportuni, u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega ghall-harsien tal-istess dritt fondamentali, inkluza jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li l-azzjoni penali mill-Prim Ministru tal-pajjiz kontra gurnalista, ghalkemm inkorporata u mhux eskluza mill-Ligi tal-Istampa, tikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali imsemmi fl-Artiklu 10 tal-istess Konvenzjoni."

**<u>Risposta</u>**

L-intimati hekk irrispondew ghar-rikors promotur:-

"1. Illi l-Prim Ministru kif citat fir-rikors ma ghandux interess fl-azzjoni, gie citat inutilment u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

2. Illi l-Kummissarju tal-pulizija mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

3. Bla pregudizzju ghall-paragrafu 1 u 2 ta' din ir-risposta u sussidjarjament ghalihom jekk xi hadd mill-intimati imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 hu kuntradittur

legittimu, allura l-Avukat Generali ma ghandux *locus standi*, gie citat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

4. Illi l-process mhux integru ghax jonqos fih il-kwerelant fil-kawza kriminali kontra r-rikorrent li ghandu interess fil-kawza u minghajr il-presenza tieghu l-process mhux integru.

5. Illi din il-kawza ma kelliex tigi inizjata b'rikors izda b'referenza kif jipprovdi is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 319, ghaliex il-proceduri permezz ta' rikors ma jistghux jorbtu l-Qorti tal-Magistrati li quddiemha u fil-konfront taghhom qed jintalab ir-rimedju b'dan ir-rikors.

6. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, ir-rikors mhux car fl-allegazzjoni ta' x'inhu l-ksur ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea li dwaru qieghed isir l-ilment. Illi jekk ir-rikors ifisser, jekk dejjem l-esponenti jistghu jifhmu sew, illi ma jistax ikun hemm sanzjonijiet kriminali ghal ksur tal-ligi ta' l-istampa (fil-kaz odjern allegat defamatory libel) l-azzjoni odjerna hi kompletament frivola u vessatorja u ghandha tigi rigettata *come tale* ghaliex l-istess artikolu 10 (paragrafu 2) tal-Konvenzjoni jipprovdi illi "the exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilities, may be subject to such …… penalities as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, ……. for the protection of the reputation or rights of others ……..".

Illi hadd ma jista' b'xi mod jifhem illi l-protezzzjoni tar-reputazzjoni ta' xi persuna bis-sanzjonijiet kif stabbiliti fil-Kap. 248, minn defamazzjoni permezz ta' l-istampa, tista' tkun mhux gustifikata u necessarja f'socjeta' demokratika bhal ma hi Malta.

7. Illi l-kazijiet Torok citati mir-rikorrent fid-dok. A anness mar-rikors tieghu huma ghal kollox diversi mill-kaz odjern. F'dawk il-kazijiet il-Qorti Ewropeja qalet illi fil-waqt li hu lecitu li stat jaghmel ligijiet li jipprojbixxu propoganda biex tiggarraf l-unita' tal-istat bi vjolenza, ma kienx accettabbli fi stat demokratiku li ssir ligi li tipprojbixxi

propaganda kontra l-unita' tal-istat b'mezzi legali u demokratici. Imkien ma qalet il-Qorti Ewropea illi gurnalist, ghax gurnalist ghandu dritt permezz ta' l-istampa jingurja persuna ohra sempliciment ghax politiku. Id-dokument esebit mir-rikorrent fil-fatt ikompli jghid, (ghalkemm f'kontest differenti minn din il-kawza kif inhuma l-kazi kollha citati) "Nevertheless, it certainly remained open to the competent state authorities to adopt, in their capacity as guarantors of public order, measures, even of a criminal law nature, intended to react appropriately and without excess to such remarks". Imkien ma gie stabbilit li proceduri kriminali b'piena massima ta' multa ta' hames mitt lira u tlett xhur prigunerija u minimu ta' ghaxar liri hi b'xi mod mhux approprjata jew eccessiva, fil-kaz ta' ghoti ta' malafama billi jigu attribwiti fatti determinati foloz bl-iskop li toffendi l-unur u l-fama ta' persuna u li tesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku."

**Verbal**

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 1999 l-Ewwel Qorti ordnat liz-zewg nahat sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-mikttub dwar l-eccezzjonijiet procedurali sollevati mill-intimati. Dawn in-noti saru, l-eccezzjonijiet preliminari gew ulterjorment trattati fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 1999 u l-Ewwel Qorti ghaddiet biex iddecidiet dawn l-eccezzjonijiet ta' l-intimati bis-sentenza appellata li inghatat fitt-28 ta' Jannar, 2000.

**Decide**

B'dik id-decizjoni il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-kawza kif gej:-

1. Laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati u konsegwentement il-Prim Ministru kif citat bhala intimat f'dawn il-proceduri gie lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Irrespingiet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija li hu wkoll talab li jigi estromess mill-proceduri billi kien citat hazin.

3. Laqghet it-tielet eccezzjoni fil-konfront ta' l-intimat Avukat Generali u konsegwentement il-Qorti ddikjarat li l-Avukat Generali ma kellux locus standi bhala intimat fil-proceduri u gie ghalhekk liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Giet respinta r-raba' eccezzjoni in kwantu l-Ewwel Qorti rriteniet li l-figura privata tal-kwerelant Dr. Eddie Fenech Adami fil-process ma kenitx mehtiega biex dan ikun integru.

5. Fir-rigward tal-hames eccezzjoni, l-Ewwel Qorti ddikjarat li din kienet qed tigi milqugha u konsegwentement dik il-Qorti ddikjarat illi ma kenitx ser tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors peress li l-procedura adottata mir-rikorrent, skond hi u fil-fehma taghha, kienet wahda zbaljata u kwindi ordnat li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex tkompli tisma' l-proceduri ta' libell inizjati minn Dr. Eddie Fenech Adami kontra Glenn Bedingfield.

Fir-rigward ta' l-ispejjez, l-Ewwel Qorti ddegretat li dawn kellhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn hamsa ($^{1}/_{5}$) mill-Kummissarju tal-Pulizija u erba minn hamsa ($^{4}/_{5}$) mir-rikorrent Glenn Bedingfield.

**<u>Appelli</u>**

Minn din is-sentenza appellaw principalment ir-rikorrent Glenn Bedingfield u incidentalment l-appellati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti ser tissofferma l-ewwel fuq l-aggravju principali, definit mill-istess appellant Bedingfield bhala l-aktar importanti, u titratta wara aggravju iehor procedurali, minnu deskritt bhala marginali, fir-rigward tad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar min kienu l-legittimi kontraditturi tieghu. Dan it-tieni aggravju procedurali jinkorpora fih ukoll l-aggravju uniku fl-ilment dedott mill-appellati fl-appell incidentali taghhom in kwantu s-sentenza appellata iddikjarat li l-Onorevoli Avukat Dr. Eddie Fenech Adami LL.D., fil-mansjoni tieghu privata bhala kwerelant fir-rikors de quo, ma kellux interess fil-prezenti proceduri kostituzzjonali.

**L-appell principali**

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi l-Ewwel Qorti ma kienx messha laqghet l-eccezzjoni ta' l-intimati illi l-ilment kostituzzjonali kellu proceduralment jitressaq b'talba ghal riferenza u mhux b'rikors. Hu jissottometti li l-argumenti tal-Qorti, fuq riportati kienu neqsin mil-logika u ddecidiet b'mod dijametrikalment oppost ghal dak li rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Alan Mifsud. Hu jistaqsi:- "Jekk is-sentenzi ta' l-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali lanqas jorbtu l-Qorti ta' l-ewwel grad, x'jiswa li forsi l-Parlament jilqa' s-suggerimenti ta' l-Onorabbli Qorti meta dejjem jista' jkun hemm xi hadd li l-ghada jahsibha bil-maqlub?"

Infatti, ikompli jissottometti, l-Ewwel Qorti hasbet bil-maqlub tal-Qorti Kostituzzjonali u hasbet ukoll bil-maqlub ta' dak li hi l-kelma tal-ligi kostituzzjonali li tghid li r-rimedju jista' jkun b'riferenza jew b'rikors. Hija sentenza li dahlet kliem li ma jinstabx fil-kostituzzjoni u li ghamlet obbligu li meta l-kaz ikun quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-imputat ikollu obbligu li jqajjem riferenza u ma ghandux dritt ghal rikors. It-test bil-Malti u t-test bl-Ingliz ma jghidux hekk. Anke l-istess Qorti qalet li kien hemm bzonn emenda biex il-ligi tigi ccarata kif tixtieq hi. L-appellant allura jissottometti li l-Ewwel Qorti zbaljatament minflok qaghdet fuq il-gurisprudenza tal-kazi decizi, dahlet fuq kazi li kienu

ghadhom pendenti quddiem gudikanti ohra. Dan meta, skond il-ligi, l-gudikant kellu jaghti l-gudizzju tieghu fuq dan li jkollu quddiemu u mhux fuq dak li se mai sema' jew informa ruhu minn sorsi ohra.

Ghall-kuntrarju, l-appellati jsostnu li s-sentenza appellata hi gusta u timmerita konferma. Jissottomettu illi l-appellant ma gab l-ebda raguni il-ghala s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti kellha tigi riformata hlief li l-Ewwel Qorti ma qablitx mas-sentenza fil-kaz ta' Alan Mifsud. Fil-fatt l-ewwel sentenza taghmel analizi serja ta' l-eccezzjonijiet ta' l-appellant ghar-rikors promotur u wara li tanalizza l-istess, tghaddi biex taghti interpretazzjoni korretta ghall-artikolu 46 (1) u 46 (3) tal-Kostituzzjoni, ta' l-artikolu 4 (1) u 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod li interpretat dawk l-istess artikoli b'rispett ghan-normi ta' interpretazzjoni u cioe' (a) li norma specjali tidderoga minn norma generali u illi l-interpretazzjoni ma ghandhiex tkun tali li taghmel xi parti tal-ligi superfluwa jew bla skop; u (b) li l-ligi ghandha tigi interpretata b'mod li ma tohloqx bla bzonn strap mir-regoli generali tas-sistema guridiku vigenti.

Din il-Qorti tibda biex taghmel riferenza ghal dak li kkonsidrat fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tas-subincizi 2 u 3 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-kawza fl-ismijiet "Edgar Blundell vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" deciza fl-20 ta' Marzu, 2000. Konsiderazzjonijiet illi jenuncjaw il-principji li, fil-fehma ta' din il-Qorti, kellhom iservu ta' sfond ghad-determinazzjoni ta' dan l-appell b'ezitu differenti minn dak li waslet ghalih is-sentenza appellata. F'dik is-sentenza din il-Qorti hekk ikkonsidrat wara li kienet ikkonfermat d-decizjoni fis-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti kellha s-setgha li tiddikjara n-nullita' tar-riferenza maghmula lilha u cahdet is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi una volta l-kwistjoni kienet giet rimessa mill-Qorti ta' l-Appell, li quddiemha tqajment skond ma kien jipprovdi s-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-funzjoni tal-Qorti hekk riferita kienet biss li tiddeciedi dwar l-aspett ta' kostituzzjonalita' ta' dik il-kwistjoni u mhux jekk skond il-ligi jew skond l-

istess Kostituzzjoni dik ir-riferenza kellhiex issir jew le. Din il-Qorti hekk kompliet telabora:-

“Kull interpretazzjoni ohra  tas-subinciz (3) ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, inkluza dik estensiva li tittanta ttiha l-appellanti li tiznatura l-veru portata ta’ dan is-subinciz li hu strettament arginat fil-parametri tal-kwistjoni kostituzzjonali li tkun qamet quddiem Qorti ohra u ma tkunx il-Prim’Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u kull konsiderazzjoni minn dawn il-Qrati, kellha tkun strettament fil-limiti tal-kwistjoni imqanqla in kwantu rilevanti ghall-mertu taht ezami u fit-termini precizi espressi fir-riferenza.

Sewwa li jsiru dawn ir-riflessjonijiet fuq dan is-subinciz mahsuba biex jaghtu rizalt lil certi aspetti tieghu, kultant injorati.

(a) Ir-“raison d’être” wara dan is-subinciz hu li l-Kostituzzjoni trid tassigura li kull meta tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta’ l-individwu, din tigi dejjem epurata u definita mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili jew mill-Qorti Kostituzzjonali. Dan kjarament biex jigi assigurat li f’materja ta’ din ix-xorta, ikun hemm dejjem interpretazzjoni awtorevoli  u applikazzjoni uniformi ta’ dawn id-disposizzjonijiet.

(b) Dan is-subinciz hu mahsub ukoll biex jassigura  illi kull Qorti ohra li ma tkunx il-Qorti Civili Prim’Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, kienet <u>obbligata</u> li tiddisponi mill-kwistjoni Kostituzzjonali skond ma jkun gie deciz mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali u cioe’ l-Prim’Awla u l-Qorti Kostituzzjonali li f’din il-materja kellhom gurisdizzjoni esklussiva.

(c) L-obbligu ta’ kull Qorti li ma tkunx il-Prim’Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali li tirreferi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi provvediment protettiv tal-jeddijiet fondamentali lill-Qorti Civili Prim’Awla hu kontro- bilancjat bl-obbligu ta’ din il-Qorti li taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni tax-xorta konsidata b’dan is-subinciz mibghuta quddiemha minn kull

Qorti ohra. Infatti, s-subinciz (3) jghid espressament illi, “dik il-Qorti (cioe` l-Prim Awla) ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-sub-artikolu.

(d) Hu pero’ aktar minn car mid-dicitura ta’ dan is-subinciz li tali kwistjoni kostituzzjonali kellha tkun materjalment u instrinsikament konnessa mal-mertu pendenti quddiem il-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza. Tant, illi d-decizjoni dwarha mill-Prim’Awla jew eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali f’kaz li jsir appell, kienet torbot lill-Qorti li kienet ghamlet riferenza. Tant, illi l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni, kellha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.

(e) Din ir-rabta inxindibbli bejn il-kwistjoni kostituzzjonali li tkun qamet u li tkun tirrikjedi riferenza u l-mertu fil-proceduri pendenti quddiem xi Qorti lil ma tkunx Prim’Awla jew Qorti Kostituzzjonali, hi ta’ l-essenza ta’ dan is-subinciz kif hi wkoll ta’ l-essenza li r-riferenza li kellha ssir minn dik il-Qorti quddiem il-Prim’Awla, kellha tirrifletti bi precizjoni l-kwistjoni li tkun qamet quddiemha, li fil-fehma taghha t-tqanqil taghha ma kienx sempliciment frivolu jew vessatorju, u wkoll li din kienet tirrikjedi li tigi determinata mill-Qorti kompetenti qabel ma setghet tipprocedi bis-smiegh tal-proceduri quddiemha u bid-determinazzjoni ta’ dak il-mertu. Dan proprju ghaliex biex tiddetermina u tiddeciedi dak il-meritu, hi kienet tehtieg qabel xejn id-direzzjoni ta’ l-organu gjudizzjarju kompetenti fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha, liema decizjoni kienet marbuta ssegwi.

(f) Minn dawn l-osservazzjonijiet, hi inevitabbli l-konkluzjoni illi l-Prim’Awla tal-Qorti Civili hija prekluza milli tikkonsidra kwistjoni jew xi aspett ta’ xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi wahda mid-disposizzjonijiet protetti tal-libertajiet fondamentali jekk din ma tkunx espressa fit-termini ta’ riferenza lilha maghmula. Kif kienet ukoll prekluza milli tikkonsidra l-kwistjoni dwar ksur ta’ xi wahda minn dawk id-disposizzjonijiet lilha riferita, jekk din ma tkunx rilevanti u tkun ghal kollox estraneja ghall-mertu tal-proceduri li fihom il-kwistjoni tkun giet imqanlqa, u li allura decizjoni

dwarha ma tkunx tenhtieg biex il-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza tkun tista’ tiddisponi mill-mertu.  F’dan ir-rigward, hi korretta s-sottomissjoni ta’ l-appellat illi l-ghan ta’ riferenza ma kienx li l-Qorti tiddetermina l-vertenza bejn il-partijiet, izda  biss lil tivvalja l-kostituzzjonalita’ tal-kwistjoni jew kwistjonijiet li jkunu qamu quddiem dik il-Qorti l-ohra. F’dan ir-rigward ghalhekk il-Prim’Awla ma seghtetx tiskosta ruhha mit-termini ta’ riferenza  ghaliex b’hekk tkun qeghda tmur ‘il barra mill-gurisdizzjoni taghha.   U dawk it-termini ta’ riferenza ma setghux jestendu lil hinn mil-limiti ta’ kif il-kwistjoni kostituzzjonali imqanqla setghet tolqot il-mertu quddiem il-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza.

F’dan il-kuntest, jidher li hemm  lok li tigi kjarifikata l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fil-kawza fl-ismijiet “Alan Mifsud et vs l-Avukat Generali et” deciza fit-23 ta’ Novembru, 1990.  F’dik is-sentenza, din il-Qorti kkonsidrat illi:- “Il-Qorti tifhem li l-posizzjoni procedurali korretta li nholqot  mill-provvedimenti kostituzzjonali, hi fis-sens li kull persuna, li  waqt xi procediment quddiem xi Qorti - li mhix il-Prim’Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjoni - jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali li - dik il-persuna trid taghzel - jew li tipprocedi permezz ta’ rikors quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili jew billi tissolleva l-kwistjoni  sabiex dik il-Qorti tibghat l-istess quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili.  Meta tinghazel din it-triq ta’ riferenza, il-persuna tkun qeghda effettivament tinkorri riskju procedurali li dik il-Qorti tiddeciedi li l-kawza tieqaf hemm jekk tigi konsidrata bhal frivola u vessatorja. Altrimenti, d-disposizzjonijiet kostituzzjonali u procedurali fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza.......”

Sewwa jigi sottolinejat pero’ li filwaqt li  huwa possibbli ghall-parti li d-dritt taghha fundamentali ikun gie lez jew ikun mhedded li jigi lez li tissolleva l-kwistjoni kostituzzjonali quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim’Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, is-subinciz 3 ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma jipprospettax dan bhala opzjoni alternattiva ghal dik il-persuna, kif kellu jipprocedi biex jipprotegi d-dritt fondamentali tieghu.   Mhuwiex precizament il-parti li taghzel it-triq ta’ riferenza.  Hu obbligu tal-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni u li ma

tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali li taghmel ir-riferenza imma ma hemmx xejn x'jimpedixxi li tali kwistjoni kostituzzjonali tigi sollevata mill-parti l-ohra jew mill-istess Qorti. Una volta dik il-Qorti tikkonstata li l-kwistjoni kostituzzjonali li tqanqlet ma kenitx wahda sempliciment frivola u vessatorja, hi kienet marbuta li taghmel ir-riferenza u dana indipendentement mill-volonta' tal-kontendenti. Riferenza essenzjali biex hi tkun tista' tiddetermina l-kwistjoni kostituzzjonali involuta fil-mertu quddiemha, skond kif deciz mill-Prim' Awla u eventwalment mill-Qorti Kostituzzjonali. Riferenza li, stricto iure hi kienet obbligata li taghmel allura anke fil-kaz ta' opposizzjoni tal-partijiet jew xi wahda minnhom."

L-appellati jaghmlu l-punt illi s-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi regola specjali dwar x'kellu jsir meta kwistjoni kostituzzjonali titqajjem quddiem Qorti li ma hiex il-Prim'Awla jew Qorti Kostituzzjonali. Jissottomettu allura li s-sub-artikolu 3 hu ligi specjali li jaghmel eccezzjoni ghaz-zewg regoli generli u cioe' (1) li Qorti wahda ma torbotx Qorti ohra; u (2) ghar-regola ta' procedura b'rikors dirett quddiem il-Prim'Awla, kif stabbilit fis-sub-artikolu 1 ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319 u tas-sub-artikolu 1 u 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Dwar l-ewwel eccezzjoni hemm qbil. It-tieni wahda hi kontestata proprju b'dan l-appell taht ezami.

L-appellati imbaghad jissottomettu illi dak "suggerit" fis-sentenza ta' din il-Qorti Alan Mifsud illi s-sub-artikolu 1 u 3 jaghtu xelta lil dak li jkun biex jew jaghmel rikors jew jitlob riferenza, kien hsieb anti-guridiku ghax jiskarta l-principju li Qorti wahda ma torbotx ohra jekk mhux provdut appozitament fil-ligi, jiskarta r-regola ta' interpretazzjoni li ligi specjali (sub-artikolu 3) tidderoga mil-ligi generali (sub-artikolu 1); u xxejjen id-dritt (u l-obbligu jekk ikun il-kaz) li Qorti fejn tkun qamet il-kwistjoni, tiddikjara, jekk ikun il-kaz, li l-kwistjoni hi wahda frivola u vessatorja. Fi ftit kliem ixejjen d-definita' tas-sub-artikolu 3 u taghmlu ghal kollox superfluwu. Jissottomettu illi hi regola ta' interpretazzjoni

li ligi ma tigix interpretata b'mod li tirrendiha b'xi mod superfluwa.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kemm dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellati kif ukoll il-konsiderazzjonijiet f'diversi gudikati, fosthom fis-sentenza ta' Alan Mifsud citata, fis-sentenza appellata fuq riportata u wkoll fis-sentenza "Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali" deciza mill-Prim'Awla fis-16 ta' Frar, 2000, jestendu l-interpretazzjoni tas-subincizi taht ezami lil hinn minn dak li l-Kap 319 u l-istess Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdu kemm fil-kelma kif ukoll fl-ispirtu tad-disposizzjonijiet taht ezami. Dan b'mod illi ma hux konsentit lil gudikant li jintroduci elementi ta' sostanza fil-process ta' interpretazzjoni biex jittanta jirrikoncilja disposizzjonijiet illi l-kelma u s-sens taghhom ikunu cari imma lil jkunu forsi jipprezentaw diffikulta' fl-applikazzjoni taghhom f'certi kazi. Hu f'dan il-kuntest li din il-Qorti fis-sentenza ta' Blundell appena citata hasset il-htiega illi tippreciza illi, fil-fehma taghha, ma setghax jinghad illi dawn id-disposizzjonijiet kienu infatti jaghtu ghazla ta' l-iter procedurali li seta' jigi segwit f'kaz li tigi sollevata materja kostituzzjonali. Kien ghalhekk li din il-Qorti ghamlitha cara - u f'dan hi taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellati meta jghidu li ma setghax jinghad li kien hemm ghazla lill-parti li d-dritt taghha jkun vjolat jew ikun mhedded li jigi vjolat - ghaliex fil-verita' l-unika triq miftuha lil dan kienet dik tar-rikors quddiem il-Prim'Awla li kellha gurisdizzjoni originali li tinvestih. F'kaz imbaghad li quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, tqum xi kwistjoni ta' din ix-xorta kostituzzjonali, allura fil-proceduri gja pendenti quddiem dik il-Qorti l-ohra, il-parti nteressata setghet biss tqanqal din il-kwistjoni u xejn aktar. Kien jispetta imbaghad lill-Qorti li quddiemha l-kwistjoni tkun gie imqanqla illi tiddisponi minnha jew billi tiddikjaraha frivola u vessatorja jew billi tirriferiha lill-Prim'Awla. Kienet allura ferm aktar fil-fehma ta' din il-Qorti preciza, l-analizi maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-31 ta' Lulju, 1985 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et", liema konsiderazzjoni giet

citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti konfermatorja fis-sentenza taghha tal-21 ta' Lulju, 1989.

"Dawn iz-zewg proceduri ma humiex limitazzjoni ta' xulxin izda paralleli ta' xulxin. Aktar u aktar li l-ewwel inciz ta' l-Artikolu 47 (illum 46), li jikkontempla l-ewwel procedura, jghid car u tond li dik il-procedura ssir minghajr pregudizzju ta' kwalsiasi azzjoni ohra fir-rigward ta' l-istess materja li tkun possibbli legalment. Jekk hemm xi proceduri ohra quddiem xi Qorti ohra, it-tielet inciz ta' l-Artikolu 47 (illum 46) ikun jista' japplika fil-kuntest ta' dawn il-proceduri meta ovvjament il-Qorti tkun trid tikkonsidra sew kemm tkun frivola u vessatorja t-talba li tkun qed issirilha ghal riferenza taht dak l-inciz. Izda l-fatt li dak l-inciz jista' jkun kontemplat, <u>ma jwassalx ghal xi nullita' ta' proceduri ordinarjament kontemplati ghall-harsien tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem</u>."

Din l-analizi, infatti, tirrifletti bi precizjoni d-disposizzjonijiet taht ezami u tillimita l-interpretazzjoni tal-gudikant ghat-tifsira tal-kliem u ghall-ispirtu tal-ligi minghajr l-introduzzjoni ta' koncetti estraneji li bl-ebda mod ma jirrizultaw mill-kelma u mir-'ratio legis'. Fosthom dik li timponi ghazla fejn tali xelta ma tirrizultax ezatta mil-ligi jew li timponi procedura u mhux ohra fejn tali imposizzjoni wkoll ma tirrizultax.

Infatti, l-interpretazzjoni sottomessa mill-appellati ghalkemm tista' tirrizulta konvenjentement utli f'certi cirkostanzi in kwantu ttendi biex tissimplifika l-process gjudizzjarju, anke jekk a skapitu li tirrestringi l-jedd kostituzzjonali ta' l-individwu illi jitlob ridress ghall-vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu b'access dirett quddiem l-organi kompetenti, bl-istess Kostituzzjoni, vestiti bil-kompetenza originali u esklussiva li jitrattawha, jiddeciduha u jipprovdu rimedju ghaliha, bl-ebda mod ma tirrispondi b'mod adegwat u komprensiv ghall-kweziti kollha li cirkostanzi ta' din ix-xorta jissollevaw. Hekk per ezempju, l-interpretazzjoni suggerita mill-appellati, abbraccjata kompletament mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tipprovdi biss ghal jekk u meta tkun qamet xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet

protettivi tad-drittijiet fondamentali quddiem xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali, qabel ma jkun sar rikors mill-persuna nteressata direttament quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u meta allura l-proceduri ikunu ghadhom quddiem dik il-Qorti jew addirittura quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. L-interpretazzjoni ta' l-intimati ma tipprovdix ghal x'jigri jekk il-kwistjoni tqum quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali wara li jkun diga' gie intavolat rikors direttament quddiem il-Prim'Awla u meta tali proceduri jkunu ghadhom pendenti. Ma tipprovdix allura ghal x'jigri jekk il-materja tkun diga' qamet ghaliex il-persuna nteressata tkun ipprevaliet ruhha mill-jedd taghha kostituzzjonali li tagixxi ai termini tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319.

Hu ovvju illi f'sitwazzjoni bhal dik ma kien hemm xejn x'josta ghall-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla u li ma tkunx il-Qorti Kostituzzjnali li tagixxi kif fuqha impost bis-subinciz 3 ta' l-istess Artikolu. Kienet certament tenuta li hekk tagixxi tenut kont ta' dak li kienet obbligata taghmel fir-rigward ta' l-ezami tal-frivolezza u tal-vessatorjeta' ta' l-ilment u prescindendo mill-fatt ta' l-ezistenza tar-rikors li bih il-persuna interessata tkun direttament adiet lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali ghar-rimedju. Ma kien hemm mill-banda l-ohra assolutament xejn la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Kap 319 li lontanament jiggustifika li l-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali tissottometti ruhha ghad-decizjoni ta' Qorti ohra dwar jekk il-mertu ta' l-ilment kienx wiehed frivolu jew vessatorju jew wisq anqas li kellhom jissoprassjedu sakemm tali decizjoni tittiehed.

Hekk ukoll, ir-rimedju kostituzzjonali kien miftuh ukoll ghal min ihoss illi l-jeddijiet fundamentali tieghu, bil-Kostituzzjoni tutelati, kienu mhedda li jigu vjolati. Dan kjarament ifisser illi una volta, kif gara f'dan il-kaz, ir-rikorrent kien qieghed jippretendi illi l-proceduri gjudizzjarji fihom infushom mehuda kontrih quddiem Qorti ohra, li ma kenitx dik tal-Prim'Awla jew Qorti Kostituzzjonali, kienu qed jheddu l-jeddijiet fondamentali tieghu, dan seta' jagixxi minnufih biex jitlob il-protezzjoni u r-rimedju

kostituzzjonali, sahansitra qabel ma jigu ntavolati l-proceduri quddiem dik il-Qorti l-ohra. Anke f'dan il-kaz, ezercizzju mill-persuna nteressata tal-jedd taghha li tagixxi direttament quddiem l-organi gudizzjarji kostituzzjonali kien ikun perfettament legittimu u bl-ebda mod ma seta' jkun sottomess ghal dak li hemm provdut fis-subinciz 3 ta' l-Artikoli taht ezami. Jekk xejn, ghas-semplici raguni illi f'sitwazzjoni bhal din, il-kwistjoni kostituzzjonali la tkun qamet quddiem dik il-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali u lanqas kien jehtieg li bilfors tqum. Jigi sottolinejat illi biex jidhol in ballo s-subinciz 3 ta' l-Artikolu taht ezami, kien mehtieg illi l-kwistjoni dwar il-ksur dwar xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u dawk ekwivalenti fil-Konvenzjoni "tqum" fis-sens ta' "tkun imqanqla" "f'xi proceduri" f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali. Certament ma jistax jinghad illi l-<u>fatt biss</u> illi jkun gie intavolat rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fih innifsu jfisser li l-kwistjoni tkun qamet jew tkun giet imqanqla quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx dik il-Qorti jew il-Qorti Kostituzzjonali.

Tqum allura l-kwistjoni jekk bil-<u>fatt biss</u> li l-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali tigi nformata illi parti f'kawza quddiemha kienet adixxiet l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali biex tipprotegi l-jeddijiet fundamentali taghha, naturalment f'materja rilevanti ghall-mertu tal-process quddiem dik il-Qorti, kienx wahdu jew flimkien ma' talba ghas-soprasessjoni ifisser li l-kwistjoni kostituzzjonali tkun giet imqanqla quddiem dik il-Qorti. L-appellati jirrispondu ghal dan il-kwezit fl-affermattiv. Jissottomettu illi galadarba l-ghemil tar-rikors (fil-futur jew anke wara li jkun sar) tkun ir-raguni ghat-talba ta' soprasessjoni li l-kwistjoni li dwarha sar ir-rikors, bilfors trid tigi quddiem l-Ewwel Qorti biex tara jekk hijiex raguni bizzejjed biex tissoprassjedi jew le. Gialadarba l-kwistjoni titqajjem, anke jekk biss bhala l-haga li dwarha sar ir-rikors li a bazi tieghu ssir it-talba ghas-soprasessjoni, il-ligi tipprovdi li dik l-<u>Ewwel Qorti ghandha</u> jew taghmel riferenza jew tiddikjara l-kwistjoni frivola jew vessatorja. L-Ewwel Qorti kienet libera, u hadd ma seta' jordnalha

mod iehor  li jew tilqa’ t-talba ghas-soprasessjoni jew ma tilqaghhiex.

Din is-sottomissjoni ta’ l-appellati hi korretta sal-punt biss illi l-Ewwel Qorti kienet rinfaccjata b’talba ghas-soprasessjoni u kienet libera li tilqa’ tali talba jew ma tilqaghhiex.  Kienet hekk libera, pero’, proprju ghaliex il-kwistjoni kostituzzjonali ma kenitx giet imqanqla quddiemha imma giet imqanqla quddiem Qorti ohra u cioe’ quddiem organu gjudizzjarju kostituzzjonali, direttament, u t-talba ghas-soprasessjoni kienet maghmula skond  ir-regoli tad-dritt procedurali ordinarju li, f’certi cirkostanzi, jaghtu l-Qorti d-dritt li  jieqfu mis-smiegh ta’ kawza pendenti l-ezitu ta’ mertu konness quddiem Qorti ohra.  Ma kenitx allura din is-soprasessjoni imposta fuq il-Qorti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, bis-subinciz 3 ta’ l-Artikolu, dik cioe’ li kienet tesigi li l-Qorti tieqaf meta taghmel riferenza lill-organu gjudizzjarju kostituzzjonali pendenti l-ezitu ta’ dawk il-proceduri proprju ghaliex kellha tkun gwidata, meta tiddisponi mill-kwistjoni kostituzzjonali quddiemha, skond dik id-decizjoni.

Anke f’dan ir-rigward huma rilevanti l-kliem “il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni” (subinciz 3 ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni).  Kliem li kjarament ifisser illi l-kwistjoni quddiem dik il-Qorti l-ohra ma kenitx sempliciment materja ta’ soprasessjoni u opportunita’ procedurali imma kwistjoni b’mertu kostituzzjonali li minnha hi kienet obbligata “tiddisponi”.

Din il-Qorti allura ma tistax taqbel illi s-semplici talba ghas-soprasessjoni in vista tal-fatt illi parti tkun ezercitat il-jedd taghha ai termini  tas-subinciz 1 ta’ l-artikoli taht ezami u tkun adixxiet direttament fl-organi gjudizzjarji kostituzzjonali kompetenti, kienet tfisser illi l-Qorti l-ohra li ma tkunx il-Prim’Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, tinvesti l-kwistjoni kostituzzjonali u tiddeciedi  skond kif fuqha mpost fis-subinciz 3 ta’ l-istess artikoli.  Dan  fil-verita’ jkun ifisser illi dik il-Qorti l-ohra tkun qeghda tiddeciedi mertu li seta’ wkoll ikun diga’ taht il-konsiderazzjoni ta’ l-organi gudizzjarji  kostituzzjonali kompetenti u, bid-decizjoni li tali

mertu kien minnha jitqies frivolu u vessatorju, tezawtora tali organi gjudizzjarji mill-kompetenza proprja taghhom li jiddeliberaw u jiddeciedu l-mertu. Xenarju dan ghal kollox lil hinn minn dak li kjarament il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 intendew. Xenarju illi jista' jwassal ghal bizzarre jekk is-sitwazzjonijiet jigu ridotti ghall-assurd proprju ghaliex hemm hafna iktar sitwazzjonijiet minn dawk minn dik il-Qorti accennati li setghu ipotetikament jinqalghu u li mhux il-kaz li hawn wiehed jinoltra ruhu fihom. Jinghad biss illi fil-fehma ta' din il-Qorti, is-soluzzjoni ma tinstabx f'tentattiv biex jigu rikonciljati disposizzjonijiet li ma kienu bl-ebda mod kontradittorji u li kienu infatti mahsuba biex jipprovdu ghal sitwazzjonijiet ghal kollox differenti biex jassiguraw process ta' protezzjoni kostituzzjonali li jkun unifomi fl-applikazzjoni tieghu, fil-protezzjoni shiha ghal access komplet lill-individwu lill-Qrati biex jissalvagwardja l-jeddijiet fondamentali tieghu u b'garanziji kontra l-abbuz tal-process gjudizzjarju b'ilmenti ta' indole kostituzzjonali li jkun frivoli u vessatorji.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq premessi, il-Qorti tittanta tirrintracca dik li fil-fehma taghha ghandha tkun l-interpretazzjoni gusta u fidila tad-disposizzjonijiet taht ezami.

1. L-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, tista', bla hsara ghal kull azzjonii ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Din il-Qorti kellha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem din il-Qorti. La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kap 319 ma jipprovdu ghal sitwazzjonijiet li fihom l-operat ta' dawn il-Qrati jista' b'xi mod jigi intralcjat b'xi proceduri gudizzjarji quddiem xi Qorti ohra jew minnha sindakat jew li b'xi mod il-process gudizzjarju quddiemhom seta' jigi interrott jew sospiz minhabba xi decizjoni ta' xi Qorti jew organu gjudizzjarju iehor. Dan hu principju fondamentali ta' l-ordinament gjuridiku u hu car u indiskuss illi l-awtorita' ta'

l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali hi mhux biss esklussiva ta' l-awtorita' ta' kull organu gjudizzjarju iehor imma wkoll l-ahhar u l-aqwa garanzija tal-jeddijiet fundamentali ta' l-individwu.

2. Il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 ma jimponu l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' access ta' l-individwu lil dawn l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali biex jassiguraw it-twettiq tad-disposizzjonijiet protettivi li jassigurawlhom il-jeddijiet fondamentali taghhom. Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt, anke jekk maghmul bl-ahjar intenzjonijiet biex suppost jiffacilita l-process gjudizzjarju ma jista' jigi accettat jew tollerat. L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita' mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel.

Sewwa jinghad, biex proprju jigi sottolinejat kemm hu sagru l-principju ta' access dirett ta' kull persuna ghall-organi gjudizzjarji kostituzzjonali illi fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita' illi r-rikors lil dawk l-organi ikun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3) taht ezami u thalli allura lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-liberta' pjena biex tiddisponi mir-rikorsi quddiemha kif l-ahjar tifhem hi fl-interess ta' l-individwu.

3. Filwaqt li ghandu jkun ovvju illi s-subinciz 1 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319 ma jimponu l-ebda limitazzjoni fuq l-access b'rikors lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali <u>qabel</u> ma jkun hemm introdotti quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali li fihom ikun b'xi mod involut il-mertu kostituzzjonali gja quddiem l-organi gjudizzjarji

kostituzzjonali, lanqas tirrizulta limitazzjoni simili fil-kaz fejn tali rikors mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali ikun sar wara li jkun bdew proceduri quddiem xi Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali u li fihom il-mertu tar-rikors kostituzzjonali ikollu rilevanza. Jekk il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 ma kienux bis-subinciz 1 jimponu tali limitazzjoni li tivvjeta access dirett lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-kaz fejn il-mertu ta' l-ilment kostituzzjonali ikun diga' ingieb a konjizzjoni ta' xi Qorti ohra, ma kienx lecitu li tali limitazzjoni tigi imposta permezz ta' process intepretattiv inutili u inaccettabbli. Inutili ghaliex id-disposizzjonijiet taht ezami kienu cari kemm fil-kelma kif ukoll fl-ispirtu u inaccettabbli ghaliex ikunu jfissru menomazzjoni serja tad-dritt ta' l-individwu ghal access lill-organi kompetenti biex jipprotegu l-jeddijiet fondamentali tieghu.

4. Ghall-istess raguni u ghar-ragunijiet fuq elaborati lanqas jigi accettat illi l-individwu interessat jigi rinfaccjat b'ghazla ta' triq procedurali li kellu jaghzel meta la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kap 319 ma kienet timponi fuqu din l-ghazla. Ghazla li kienet tippregudika lill-individwu imma setghet ukoll tippregudika l-mertu fil-process quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzjonali. Din il-Qorti allura ma taqbilx ma' dak sottomess mill-Avukat Generali illi l-procedura li beda r-rikorrent permezz tar-rikors tieghu ai termini ta' l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 kienet zbaljata ghaliex, skond hu, din il-procedura bir-rikors direttament quddiem din il-Qorti necessarjament u guridikament setghet tigi adoperata biss meta ma jkunx hemm diga' inizjati l-proceduri relattivi quddiem xi Qorti jew awtorita' kompetenti li tiggudika skond il-ligi cioe' meta r-rikorrent li qed jallega ksur ta' xi dritt fondamentali ma jkunx f'posizzjoni li jqajjem dik il-kwistjoni quddiem xi Qorti jew tali awtorita'. Din is-sottomissjoni hi ghal din il-Qorti fondamentalment skorretta u potenzjalment perikoluza ghax tintroduci limitazzjoni gravi fil-protezzjoni tal-jeddijiet fondamentali li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni fortunatament ma jipprevedux.

5. Din il-Qorti allura tirribadixxi illi z-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin izda paralleli ma' xulxin skond kif minnha konsidrat fil-kaz Anthony Coreschi fuq riportat. Fil-waqt illi fis-subinciz 1 il-legislatur ried li jipprovdi l-mezz ordinarju spedit kif l-individwu seta' jagixxi quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fil-process li kellu jiehu l-kors tieghu minghajr intralc u ghal kollox indipendenti minn kull procedura gjudizzjarja ohra, is-subinciz 3 kien mahsub biex jipprovdi kif kellha tagixxi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla u l-Qorti Kostituzzjonali jekk quddiemha tigi imqanqla xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali. Dan ifisser li fil-waqt li s-subinciz 1 kien jaghti lill-individwu l-jedd ta' access lill-Qorti biex jassigura l-harsien tal-jeddijiet fondamentali tieghu, s-subinciz 3 ma kien jaghti l-ebda dritt lill-individwu imma kien jimponi fuq il-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali kif kellha tagixxi jekk kwistjoni ta' din ix-xorta tigi imqanqla fi proceduri quddiemha. Kienet allura disposizzjoni ta' indole prettament procedurali mahsuba biex tassigura mill-banda wahda l-harsien tal-jedd fondamentali billi dik il-Qorti tkun marbuta biex tiddisponi mill-kwistjoni skond id-decizjoni ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tassigura li ma jkunx hemm intralc tal-process quddiemha sempliciment bit-tqanqil tal-kwistjoni velatament kostituzzjonali imma li tkun sempliciment wahda frivola u vessatorja.

6. Il-kwistjoni allura fid-dawl tas-suespost tirrisolvi ruhha mhux f'ezami dwar jekk ir-rikorrent ipprocediex bil-procedura gusta biex jassigura l-harsien tal-jeddijiet fondamentali tieghu - dan ma kellux jigi kontestat ghaliex l-ezercizzju tal-jedd moghti fis-subiciz 1 kien fil-fehma ta' din il-Qorti bla limitu - imma dwar kif Qorti li quddiemha qametil-kwistjoni kostituzzjonali - jekk qamet - u li ma kenitx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali kellha tagixxi fit-termini tas-subinciz 3 taht konsiderazzjoni. Mertu dan illi jesorbita mit-termini ta' dan l-appell in kwantu din il-Qorti ghadha qeghdha tigi investita bl-eccezzjoni ta' l-intimati illi din il-kawza ma kellhiex tigi inizjata b'rikors izda b'riferenza kif jipprovdi s-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 4 tal-

Kap 319. Dan ghaliex skond l-intimati l-procedura permezz ta' rikors ma jistghux jorbtu l-Qorti tal-Magistrati li quddiemha u fil-konfront taghha qed jintalab rimedju b'dan ir-rikors. Eccezzjoni li qed tigi michuda ghaliex din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta' l-appellati illi r-rikors ta' l-appellant quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili a tenur tas-subinciz 1 kien wiehed irritwali ghax il-kawza kellha tigi bil-fors inizjata b'riferenza ai termini tas-subartikolu 3.

Huwa veru illi fil-proceduri inizjati b'rikors ai termini tas-subinciz 1, id-decizjoni tal-Prim'Awla u tal-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx awtomatikament torbot lill-Qorti tal-Magistrati li quddiemha l-appellant kien ghaddej proceduri kriminali. Dan naturalment b'mod specifiku in kwantu s-subinciz 3 li jimponi fuq il-Qorti li ssegwi d-decizjoni ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali hu limitat ghall-kazijiet fejn dik il-Qorti taghmel riferenza. B'mod aktar generiku, pero', ghandu jinghad illi l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali kellhom il-poter li jaghtu kull rimedju xieraq u adegwat biex iwettqu jew jizguraw it-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali. Rimedji li setghu jinkludu ordnijiet u direttivi li kull persuna u organu, inkluz dak gjudizzjarju, kellu l-obbligu li jsegwi u jobdi. F'dan is-sens lat allura Qrati ohra li ma jkunux il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzjonali ma setghux impunement u leggerment jinjoraw jew jitraskuraw decizjonijiet ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali mahsuba biex jassiguraw it-twettiq tal-jeddijiet fondamentali. Certament pero', Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali illi quddiemha ma tqumx kwistjoni kostituzzjonali li fuqha taghzel li taghmel riferenza, ma kellha l-ebda obbligu li tissopressjedi u tistenna l-ezitu u d-decizjoni dwarha mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fuq talba b'rikors maghmula direttament quddiemha. Dan l-obbligu jirrizulta biss fi proceduri provokati fit-termini tas-subinciz 3 taht ezami u hu limitat biss ghall-kwistjoni kostituzzjonali. Dan ifisser illi dik il-Qorti l-ohra setghet u kellha tipprocedi biss smiegh tal-kawza quddiemha fejn u sakemm dan ikun konsentit min-natura tal-kwezit kostituzzjonali, quddiemha imqanqal u minnha riferit.

6. Meta ghall-kuntrarju Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tkun informata illi quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali kien gie intavolat rikors dwar xi kwistjoni li tinvolvi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali li seta' kellu rilevanza ghall-proceduri quddiemha u kellha allura f'dan ir-rigward talba biex tissoprassjedi sakemm dak il-mertu jigi deciz mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali, hi ma setghetx u ma kellhiex tikkonsidra tali talba fid-dawl tas-subinciz 3 in kwantu l-kwistjoni dwar il-ksur tal-jedd fondamentali ma tkunx strettament qamet quddiemha izda tkun qamet quddiem l-organu gjudizzjarju kostituzzjonali. Ma kellha allura l-ebda jedd tinvestiga jekk it-tqanqil tal-kwistjoni kienx sempliciment frivolu jew vessatorju una volta tali mertu ma kienx tqanqal quddiemha u lanqas ma kienet obbligata li tissoprassjedi sakemm tali mertu jigi purament deciz mill-organi kompetenti. Dik il-Qorti kellha allura tqis it-talba ghas-soprasessjoni bhal kull talba ohra ta' din ix-xorta quddiem il-Qrati ordinarji u bl-applikazzjoni tar-regoli procedurali applikabbli f'kazijiet ta' din ix-xorta. Tenut kont ukoll tal-principju li l-kontestazzjoni kostituzzjonali ma kellhiex necessarjament twassal ghas-sospensjoni tal-proceduri quddiem il-Qrati ordinarji li kienu tenuti u obbligati japplikaw in-normi tal-ligijiet vigenti sakemm dawn ma jkunux gew validament impunjati. Dan kollu pero' jifforma mertu li strettament imur lil hinn mit-termini ta' dan l-appell billi kif inghad dan l-aspett tal-vertenza ghad irid jigi epurat u deciz mill-Qorti tal-Magistrati li, mill-atti quddiem din il-Qorti, ma jirrizultax jekk fil-fatt issorprassedietx pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Is-sentenza appellata in kwantu laqghet il-hames eccezzjoni ta' l-appellati, dik cioe' ta' l-irritwalita' tal-proceduri billi l-kawza ma kellhiex tigi inizjata b'rikors izda b'riferenza qed tigi revokata u l-appell ta' l-appellant f'dan ir-rigward milqugh. Konsegwentement qed tigi wkoll revokata d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li ma tiehux aktar konjizzjoni tar-rikors peress li l-procedura adottata mir-rikorrent, skond hi u fil-fehma taghha, kienet wahda zbaljata.

**Il-leggittimu kontradittur**

Kemm l-appellant fl-appell principali kif ukoll l-appellati fl-appell incidentali javanzaw aggravji dwar min hu il-legittimu kontradittur ta' l-appellant fil-prezenti istanza. L-appellant jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata fejn din laqghet l-eccezzjonijiet ta' l-appellati f'dan ir-rigward. Dawn huma l-ewwel eccezzjoni li giet milqugha u li konsegwentement ghal din id-decizjoni allura l-Prim'Ministru kif citat bhala intimat f'dawn il-proceduri gie lliberat mill-osservanza tal-gudizzju u t-tielet eccezzjoni li tirrigwarda l-posizzjoni ta' l-intimat Avukat Generali li wkoll giet akkolta u konsegwentement il-Qorti ddikjarat illi l-Avukat Generali ma kellux locus standi bhala intimat f'dawn il-proceduri u gie konsegwentement ukoll liberat mill-osservanza tal-gudizzju. L-appellant jissottometti illi l-Qorti Kostituzzjonali kienet finalment iddecidiet li l-Prim Ministru kien il-legittimu kontradittur biex jirraprezenta l-Istat. Infatti, l-mertu tal-kawza jirrigwarda l-Istat, il-legislazzjoni tieghu u l-organi tieghu. Fir-rigward ta' l-Avukat Generali l-appellant issottometta illi f'libell fuq istanza tal-parti privata "jekk ikun hemm appell l-Avukat Generali jkun parti anzi jkun hu biss il-parti". L-appellant innifsu jikkwalifika dan l-aggravju tieghu bhala marginali ghall-aggravju aktar importanti aktar 'il fuq deciz.

L-appellati fl-appell incidentali taghhom jilmentaw biss mill-ewwel sentenza fejn din cahdet l-eccezzjoni minnhom migjuba fir-raba' paragrafu tar-risposta taghhom. Jissottomettu illi fil-waqt li hu veru illi kawza kostituzzjonali trid tkun diretta primarjament kontra l-Istat jew kontra organu ta' l-Istat, dik il-kawza trid madanakollu tkun indirizzata kontra kull min ikollu l-interess fl-ezitu taghha jew b'xi mod iehor ikun milqut bl-ezitu taghha. Kien ovvju ghalhekk illi l-Avukat Dr. Eddie Fenech Adami LL.D., fil-mansjoni tieghu privata bhala l-kwerelant fir-rikors de quo, ghandu tali interess u ser jigi milqut bir-rizultat tar-rikors promotur ta' Glenn Bedingfield u kellu jkun parti fl-istess process. Il-Qorti tikkonsidra li biex tiddetermina min huma l-legittimi kontraditturi tar-rikorrent kellha tqis qabel xejn it-talba minnu proposta fir-rikors

promotur biex minnha tistabilixxi min kellu fil-ligi jirrispondi ghaliha.

Ir-rikorrent jippremetti illi hu kien gie mharrek bi proceduri kriminali fit-termini tal-Ligi ta' l-Istampa Kap 248 u li dik il-ligi kienet tivvjola l-jedd fondamentali tieghu ghal-liberta' ta' l-espressjoni minghajr xkiel meta applikata fil-konfront tieghu ghax jezercita professjoni ta' gurnalist. Konsegwentement l-appellant jitlob li l-Qorti tiddikjara "li l-azzjoni kriminali proposta" kontra tieghu ghal-libell pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ........ tikser u qed tikser jew x'aktarx tikser id-dritt fondamentali tieghu tal-liberta' ta' l-espressjoni....." Hu car li l-elementi fir-rikors promotur jinvolvu zewg aspetti ben distinti fl-istanza proposta. Hemm l-aspett ta' l-impunjazzjoni tal-proveddiment legislattiv jew ahjar in-non applikabilita' tieghu f'certi determinati cirkostanzi u hemm imbaghad l-aspett l-iehor li jimpunja l-att li bih ittiehdet l-azzjoni kriminali proposta. Fir-rigward ta' l-ewwel aspett hu naturalment l-Istat, qua Stat li certament kellu jirrispondi dwar il-kostituzzjonalita` o meno tal-provvediment legislattiv impunjat. Fit-tieni aspett kienu wkoll il-persuni li effettivament ippromovew l-istanza kriminali kontra l-appellant li kellhom jirrispondu.

Din il-Qorti tifhem illi fil-waqt li hu mehtieg li jigu identifikati min kienu l-legittimi kontradituri ta' l-appellant fil-prezenti rikors u min kienu allura dawk il-persuni li kellhom interess gjuridiku li jkunu partijiet fil-kawza u li jirrispondu ghall-allegazzjonijiet ta' l-appellant u ghat-talba minnu proposta, tapprezza wkoll gustament li dan l-aspett procedurali fir-rikors kostituzzjonali u anke fi proceduri ohrajn, gie bi propozitu simplifikat u ghandu jkompli jigi simplifikat specjalment fejn si tratta ta' rapprezentanza ta' dikasteri diversi ta' l-Ezekuttiv. Diga' ntqal minn din il-Qorti - u dan tirribadih - illi f'materja kostituzzjonali il-Qorti ma kenitx thossha marbuta b'regoli stretti ta' procedura dwar min kien legittimu kontradittur tar-rikorrent. Kellha tkun hielsa li tistabilixxi min seta' kien responsabbli ghall-allegata vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni u una volta tidentifika tali persuna, tipprocedi fil-konfront taghha. Dan naturalment ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tillibera mill-

osservanza tal-gudizzju persuni li jirrizultawlha li ma kellhom l-ebda interess gjuridiku fil-mertu kif lanqas ma jfisser li l-Qorti ma kenitx fil-liberta' illi hi stess tikkjama fil-kawza persuni li jirrizultalha li kellhom tali interess. Dana mhux biss biex tassigura speditezza u kjarezza fil-process kostituzzjonali, imma wkoll biex tassigura li taht l-ebda cirkostanza u bl-ebda manigg procedurali ma jigri li min kellu jirrispondi ghall-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ma jigix hekk imgieghel li jirrispondi minnufih.

Ir-rikors promotur, kif inghad, jipprospetta aspett li jattakka l-kostituzzjonalita' ta' provediment legislattiv. Indubbjament, ghal dan l-aspett tal-vertenza kellu jirrispondi l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta. Infatti, l-artikolu 181 (b) subinciz (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap12) jipprovdi illi l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gjudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mil-materja in kwistjoni. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi mbaghad li l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u fl-azzjonijiet gjudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghux jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartiment l-ohra tal-Gvern. Issa hu car illi kawza li fiha tintalab dikjarazzjoni illi ligi ma kentix konformi mal-Kostituzzjoni, ma setghetx tigi diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern kif ma setghetx tigi diretta ovvjament kontra l-Accountant General, is-Segretarju Amminstrattiv u d-Direttur tal-Kuntratti fit-termini tal-proviso ta' l-istess subinciz (1) ta' dak l-Artikolu. Mill-banda l-ohra, proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Kap 12 jidher illi l-Prim Ministru ma kellux strettament locus standi f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rappresentanza gjudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-inqas il-presenza tieghu ma kenitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens illi l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor. Dan ifisser illi s-sentenza appellata kienet korretta in kwantu lliberat lill-Prim'Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, anke jekk mhux ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza appellata, u dan l-aggravju

ta’ l-appellant qed jigi michud. Kienet invece skorretta fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex certament hu l-Avukat Generali li kellu jirrispondi almenu ghal dik il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali li tattakka l-validita’ ta’ provvediment legislattiv. L-aggravju ta’ l-appellant f’dan ir-rigward qed jigi ghalhekk milqugh.

Fir-rigward ta’ l-appell incidentali, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament ta’ din il-Qorti fil-kawza “Joseph Abela vs Onorevoli Prim Ministru et” deciza fis-7 ta’ Dicembru 1990 (Vol LXXIV pg 261) li segwiet il-konsiderazzjonijiet fil-kawza “Ramesh Chetenram Sharma et vs Avukat Generali et” (Vol LXXIII pg 105), f’liema insenjament gie stabbilit illi f’kawza mertu dwar vjolazzjonijiet ta’ drittijiet fondamentali kien hemm tlett tipi ta’ konvenuti. “1. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament responsabbli ghall-komissjoni jew ommissjoni ta’ xi fatt li jikser xi dritt fondamentali protett mil-ligi; 2. Fit-tieni kategorika huma dawk illi ghall-ommissjonijiet jew komissjonijiet tal-persuni ta’ l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbi biex jaghtu jew ifornixxu r-rimedju li s-sentenza li takkolji l-lament tal-ksur tad-dritt fondamentali tissanzjona; 3. Fit-tielet kategorija imbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala’ fuq jew waqt xi proceduri gjudizzjarji.” Fl-appell incidentali l-appellati jissottomettu illi l-Avukat Dottor Eddie Fenech Adami personalment kellu jkun parti fil-kawza. Din il-Qorti taqbel ma’ dan l-aggravju ghaliex certament tqis illi fit-termini tal-premessi u tat-talba fir-rikors promotur, l-Avukat Fenech Adami jista’ jitqies li hu direttament jew indirettament responsabbli ghall-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront ta’ l-appellant u li <u>skond hu</u> jivvjolawlu l-jedd fondamentali tieghu ta’ espressjoni hielsa. Jista’ wkoll jitqies, f’cert sens lat li din il-persuna tikkwalifika wkoll fit-tielet kategorija in kwantu kienet parti f’kawza li pprovokat il-prezenti istanza kostituzzjonali anke jekk kif inghad aktar ‘il fuq, ir-rikors promotur sar direttament lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali u ma sarx permezz ta’ riferenza lill-Qorti li kienet qed tiehu konjizzjoni tal-mertu li fihom l-Onorevoli

Fenech Adami personalment kien parti interessata. L-appell incidentali qed jigi ghalhekk milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej:-

Tilqa’ l-appell principali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu din laqghet il-hames eccezzjoni ta’ l-appellati, dik cioe’ ta’ l-irritwalita’ tal-proceduri illi l-kawza ma kellhiex tigi inzijata b’rikors izda b’riferenza. Kosegwentement tirrevoka d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti li ma tiehux aktar konjizzjoni tar-rikors peress li l-procedura adottata mir-rikorrent, skond hu u fil-fehma taghha, kienet wahda zbaljata. Konsegwentement qed tirrimetti l-atti lil dik il-Qorti biex tkompli tiehu l-konjizzjoni tal-mertu u tiddecidieh. Tirrevoka wkoll is-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju billi dan ma kellu l-ebda locus standi fir-rikors. Minflok tiddikjara li l-Avukat Generali kellu jkompli jkun parti fih in kwantu kien legittimu kontradittur ta’ l-appellant. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din laqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-appellati u lliberat lill-Onorevoli Prim Ministru f’dik il-kapacita’, mill-osservanza tal-gudizzju. Tilqa’ l-appell incidentali u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din iddikjarat illi l-figura privata tal-kwerelant Dr. Eddie Fenech Adami f’dan il-process ma kenitx mehtiega biex ikun integru u minflok tordna l-kjamata fil-kawza ta’ l-istess Dottor Eddie Fenech Adami proprio in kwantu qed tilqa’ r-raba’ eccezzjoni ta’ l-appellati.

Din il-Qorti wkoll tiddeciedi li hemm lok ghar-riforma tas-sentenza appellata fir-rigward ta’ l-ispejjez ta’ dan l-appell li konsidrat in-novita’ tal-mertu kif ukoll il-komplessita` tal-punti legali nvoluti, hu gust li jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti. L-ispejjez tal-prim’istanza ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

---------------------------------TMIEM---------------------------------